***Diskors mill-Perit Chris Grech, fil-ħatra tiegħu bħala Sindku tal-Mosta - it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2022***

Sħabi Kunsillieri, għeżież familjari u ħbieb,

Illum hija ġurnata importanti li titfa' fuq spallejja piż akbar fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Mosta fejn ili nservi bħala Kunsillier u Viċi-Sindku.

F'mument bħal dan l-ewwel ħsieb li jiġini huwa li nuri l-gratitudni tiegħi lejn l-familja għall-appoġġ li dejjem jagħtuni, lil dawk il-ħbieb tal-qalb u persuni speċjali li wrewni fiduċja, kif ukoll lilkom sħabi Kunsillieri li magħkom ħdimt u magħkom irrid nibqa' naħdem id f'id. Il-ħidma tiegħi u tagħkom tirnexxi meta jirnexxielna naħdmu flimkien.

Irrid nuri wkoll apprezzament għas-Sindki kollha li kellna fil-Mosta mill-1994 sal-lum u konvint li kollha taw ħilithom biex tul 28 sena, il-Mostin gawdew minn proġetti utli u servizzi bl-aħjar li stajna f'kull ċirkostanza.

**Apprezzament speċjali lis-Sindku ta' qabli, is-Sinjura Romilda Baldacchino Zarb, li bħal żewġ Sindki oħra qabilha, issa saret Membru Parlamentari. Nirringrazzjawha għall-mod kif ħdimna id f'id u spalla ma' spalla biex stajna nwettqu dmirna fid-diversi dekasteri. Bit-tmexxija tagħha rnexxielna nwettqu proġetti importanti, kemm bir-riżorsi tal-Kunsill kif ukoll bl-intervent tal-Gvern Ċentrali. Grazzi Romilda u nawgurawlek suċċess ukoll f'livell nazzjonali bħala deputata fil-parlament.**

**Nieħu l-okkażjoni biex nawgura wkoll lis-Sinjura Rachel Abela għall-kariga ta' Viċi Sindku.**

Kull ġurnata li tgħaddi rridu nżommu f'moħħna li l-Mosta tal-lum mhix il-Mosta ta' meta bdew il-Kunsilli 28 sena ilu. Il-Mosta kibret, il-Mosta nfirxet. Il-Mosta kibret bħala popolazzjoni, imma wkoll bħala ċentru kummerċjali. Il-Mosta tesiġi aktar attenzjoni u servizzi. Tridna nkunu innovattivi. Il-Mosta tridna nsaħħu dak li nipprovdu u nesploraw mezzi ġodda, u nistinkaw biex inwettquhom fil-ħin. Dan isir b'konsultazzjoni ma' kull settur. Kull settur huwa importanti u, ghalina bħala Kunsill, irridu niżguraw li nżommu djalogu ħaj ma' kull settur. M'hemmx isbaħ milli naħdmu flimkien!

L-esperjenza tgħallimna. Bħala Sindku flimkien ma sħabi l-Kunsillieri nafu li x-xogħol fil-Mosta ma jiddependix biss minn dak li jagħmel il-Kunsill bir-riżorsi u finanzjament tiegħu. Irridu nagħmlu pressjoni mal-awtoritajiet ċentrali u konsultazzjoni mal-pubbliku, biex dak li hu meħtieġ għall-Mosta skont il-Manifest Elettorali tal-Gvern, isir fl-iqsar żmien possibli

F'dan l-ewwel diskors tiegħi bħala Sindku, irrid insemmi xi punti mill-manifest ta' Progetti Infrastrutturali :

- **Parkeġġ Pubbliku fil-Mosta;**
- **Bini ta' Skola Primarja Ġdida fil-Mosta;**
- **Post alternattiv għal Ċentru Ċiviku Ġdid, aktar modern u akbar;**
- **Riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Mosta;**
- **Possibiltà ta' Ġnien Pubbliku fiċ-ċentru tal-Mosta;**

Kollha proġetti sbieħ u ambizzjużi, imma rridu nkunu attenti li l-kumdità b'ebda mod ma tnaqqas mill-ambjent urban u karatteristiku fil-Mosta. Anzi, irridu naċċertaw li kull titjib u żvilupp ikunu jikkumplementaw il-wirt ambjentali u kulturali li nkomplu nipproteġu. Tassew li mhux dejjem faċli, imma l-bilanċ jibqa' l-mira tal-Kunsill tagħna.

Rigward skola ġdida Primarja rridu naħdmu mill-qrib mal-Ministru tal-Edukazzjoni fejn diġà bdejna diskussjonijiet. L-istess mal-Ministru Miriam Dalli li għandha l-akbar portofoll b'vot ta' 700 Miljun Ewro għall-Urban Parks. U l-istess ma' kull Ministeru jew Awtorità oħra skont il-bżonn.

Għandna sfidi oħra li irrid li nkomplu naħdmu fuqhom bħala Kunsill :

- **Pjan ta' Traffic Management biex tinstab soluzzjoni permanenti wara konsultazzjoni meħtiega biex id-dħul lejn il-Mosta jibqa' dak loġiku minn Triq il-Kungress Ewkaristiku;**
- **Inkomplu bl-infrastruttura ta' toroq godda residenzjali b'konsultazzjoni ma' Infrastructure Malta u mar-residenti;**
- **Inkomplu xogħlijiet ta' infrastruttura bil-vot tal-Kunsill Lokali;**

Nemmen ħafna fil-konsultazzjoni u rrid li f'kulma semmejt, **inqisu lir-residenti u l-kommunità kummerċjali bħala 'stakeholders' ewlenin fl-ippjanar u fit-twettiq**. Tul is-snin tgħallimna li **d-djalogu u l-kompromess huma għodda tajba biex nirnexxu** u jsir dak li hemm bżonn isir, fil-ħin u bla spejjeż żejda. Trid tikkonsulta u tisma, tirrevedi pero fl-aħħar trid tiddeċiedi u timxi wkoll.

**Jibqa' jidwi l-appell tiegħi u tagħna lkoll bħala Kunsill lil kulħadd fil-Mosta għall-kooperazzjoni rigward l-indafa u l-ordni. Ir-rispett u l-ordni m'għandhomx bżonn id-dixxiplina biex iseħħu! Fejn ma jkunx kemm kooperazzjoni, nemmen bi sħiħ fl-infurżar.**

Għandna fil-Mosta l-barka ta' bosta għaqdiet volontarji li jispiraw u jgħallmu lill-komunità kollha fir-rispett ta' xulxin u fil-għożża tal-wirt sabiħ li tagħna Alla l-Ħallieq u missirijietna. Dawn l-għaqdiet jiswew mitqlu deheb u rridu nżommu djalogu ħaj magħhom u nsostnuhom kulfejn nistgħu.

**L-impenn tiegħi bħala Sindku norbtu mal-impenn ta' kull wieħed u waħda minnkom, sħabi Kunsillieri, li minkejja kull differenza oħra, dejjem offrejna t-talenti tagħna u konna kapaċi naħdmu b'mod kollettiv kulfejn jidħol l-interess tal-Mosta u l-Mostin.**

Nikkonkludi billi nfakkar fil-valur tal-isperanza skont il-motto tal-Mosta tagħna, u għalhekk inpoġġi l-ħsibijiet u l-miri tagħna taħt il-ħarsien ta' Marija Assunta Patruna tagħna biex tgħinna nwettqu l-ħidma tagħna - flimkien!

***Perit Chris Grech - Sindku tal-Mosta***